# Il-Kwadru Inkurunat tal-Madonna tal-Karmnu

**Christian Pace**

*B. Com (Hons.) M.A. Econ.*

*Dan il-kwadru li jirrappreżenta x-Xbieha tant għażiża tal-Madonna tal-Karmnu, sa minn meta ġie mqiegħed għall-qima tal-poplu f'dan it-tempju, ġibed lejh għadd bla tarf ta' Maltin u Għawdxin li bid-dmugħ f'għajnejhom, fetħu qalbhom ma' din l-Omm u Sultana.*

*Din id-devozzjoni mxetla minn ġenerazzjoni għall-oħra waslet biex quddiem kulħadd jiddikjaraw lill-Madonna tal-Karmnu bħala s-Sultana tagħhom permezz ta' Inkurunazzjoni Solenni. Dan wassal biex b'digriet mill-Vatikan tiġi Inkurunata din ix-Xbieha Mirakoluża, b'kuruni tad-deheb u ħaġar prezzjuż.*

*Hekk, permezz ta' din il-manifestazzjoni ta' fidi u mħabba, missirijietna għażlu lill-Madonna tal-Karmnu biex mit-tron tagħHa f'dan is-Santwarju, fil-qalba tal-Belt Kapitali tagħna, tħares u tmexxi lill-Maltin lejn Binha Ġesù.*

## Il-Karmelitani fil-Belt

Billi hemm rabta sħiħa bejn il-Karmelitani fil-Belt u dan il-Kwadru Mirakoluż bix-xieraq li nibdew billi nagħtu ħarsa ħafifa lejn l-ewwel snin tal-Karmelitani fil-Belt u l-ħidma tagħhom f'din il-Belt ġdida.

Wara l-Assedju l-Kbir tas-sena 1565, il-Gran Mastru Jean Parisot de la Vallette ħaseb biex bla telf ta' żmien jibni belt-fortizza għall-ħarsien ta' Malta minn xi ħbit ieħor tat-Torok. Dan wassal biex fit-28 ta' Marzu 1566, titqiegħed l-ewwel ġebla ta' din il-Belt ġdida. Il-Patrijiet Karmelitani tal-Kunvent tal-Lunzjata, barra r-Rabat, kienu jafu bl-importanza li kien se jkollha din il-Belt. Fl-istess ħin bil-ħsieb li jifirxu l-ħidma tagħhom fost l-eluf ta' ħaddiema li kienu jaħdmu fil-Belt ġdida, għamlu ħsieb li jibnu knisja u kunvent ieħor f'din il-Belt.

P. Ġwann Vella, Pirjol tal-Lunzjata u Vigarju Provinċjali tal-Patrijiet Karmelitani f'Malta, għaldaqstant għamel talba lill-Ordni ta' San Ġwann biex jagħtuh biċċa art biex fuqha jkun jista' jibni kunvent u knisja ddedikati lill-Madonna tal-Karmnu f'din il-Belt ġdida. Din it-talba ġiet milqugħa u ngħatat l-art li kienet imdawra mit-triqat S. Mikiel, S. Bastjan u s-Salvatur – illum Triq Zekka, Triq il-Punent u Triq it-Teatru[1]. Fis-27 ta' Lulju 1570 sar il-kuntratt tal-għoti tal-art u minnufih bdiet tiela kappella jew knisja żgħira li ma damitx ma kienet lesta, tant li fis-16 ta'April 1571 saret fiha għall-ewwel darba ċ-ċerimonja tal-vestizzjoni ta' xi msieħbin tal-Ordni ta' San Ġwann[2].

It-titular ta' din il-kappella kien iddedikat lil-Lunzjata[3] u l-kwadru għadu jinsab imdendel f'wieħed mill-kuruturi tal-Kunvent tal-Belt[4]. Il-kobor ta' dan il-kwadru jagħti indikazzjoni li din l-ewwel knisja Karmelitana fil-Belt diġà kienet imdaqqsa mhux ħażin[5].



Il-kwadru tal-Lunzjata li llum jinsab fil-Kunvent. Dan il-kwadru kien it-titular tal-ewwel kappella Karmelitana fil-Belt.

Mill-Vista Pastorali ta' Mons. Pietro Dusina fid-19 ta' Frar tal-1575 jidher ċar li dan iż-żmien il-knisja tal-Karmnu kienet isservi bħala l-ewwel Parroċċa tal-Belt[6], fiż-żmien meta kienet qiegħda tinbena l-Belt. Il-Vista Pastorali tkompli tgħid li l-knisja kienet fil-fatt tinkludi wkoll fonti tal-Magħmudija fejn fih kien jinżamm iż-Żejt Imqaddes, u wara talba lill-Granmastru Pietro Del Monte, u bil-permess tal-Prijur tal-Karmnu, kien jamministra s-Sagramenti Dun Marjanu Briffa, Kappillan tal-Parroċċa ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi, mgħejjun mill-Patrijiet Karmelitani[7]. Din l-ewwel knisja Karmelitana fil-Belt baqgħet tintuża sakemm fl-1608, tlestiet knisja ikbar mibnija fuq il-pjanata ta' Ġlormu Cassar.

### L-Oriġini tal-Kwadru tal-Karmnu

Meta tlestiet il-knisja fl-1608, l-ewwel ħsieb tal-Patrijiet kien li jibnu artal maġġur u jqiegħdu fuq l-artal maġġur kwadru tal-Madonna tal-Karmnu. Skont l-istoriku P. Lawrenz Sammut, dan il-kwadru nġieb minn Sqallija minn P. Ġwann Vella, mal-bidu tal-bini tal-knisja fl-1570[8], u dak iż-żmien il-kwadru kien *"diġà meqjus bħala antik"*. Din it-teżi tidher li tagħmel sens anke għaliex taħt il-Madonna tal-Karmnu flimkien max-xbieha ta' San Xmun Stock qiegħed jirċevi l-iskapular, kienu jidhru wkoll Sant'Agata u Santa Luċija, Patruni ta' Katanja u Sirakuża rispettivament.[10] Illum għadha tidher biss ix-xbieha ta' Sant'Agata peress li l-figura ta' Santa Luċija ġiet eliminata wara li ġie mċekken il-kwadru kif se naraw iktar 'il quddiem.

Skont P. Anastasju Ronci, Karmelitan, dan il-kwadru sar fl-aħħar tas-snin 1500 jew fil-bidu tas-snin 1600 u jgħid li l-fehma tiegħu mhijiex bla bażi għaliex fil-kotba antiki tal-kunvent jissemma b'kumbinazzjoni[11]. Fil-fatt l-ewwel darba li jissemma huwa fil-ktieb tal-infieq fl-14 ta' Marzu 1594, fejn isibu miktub: *"per una corda per tela per il quatro del altare maggiore tari dui et grana tridici*[12]*"*, jiġifieri ħabel għat-tila (jew drapp/purtieri) għall-kwadru tal-altar maġġur. Dan il-kliem jista' jindika li kien inxtara ħabel biex tiġi stirata t-tila li fuqha kien se jsir il-kwadru tal-altar maġġur. Tista' wkoll kienet tirreferi għall-purtiera li kienet tgħatti l-kwadru.

Il-kwadru jerġa' jissemma b'kumbinazzjoni ftit snin wara proprju fit-22 ta' Mejju 1599, fejn insibu: *"Recipimus dal Sigr. Fra Francesco di Amico per dire ogni Sabbatu una missa baxa allo altare del Carmine et havemo incommencatu allo Sabbatu passatu che erano li 20 del presenti mese et ne ha pagati per elemosina fo ogni messa gr deci et ne ha data taru quattro*[13]*"*. Dan ifisser li ġie rċevut minn Francesco D'Amico biex issir quddiesa letta fl-altar tal-Madonna tal-Karmnu; *"din bdejniha s-Sibt li għadda, 20 ta' dan ix-xahar (Mejju) u ħallasna tal-elemożina ta' kull quddiesa għaxar grani u erba' tari"*. Bil-mod ta' kif qed jiġi spjegat dan l-avveniment jidher li din il-ħaġa ma kinitx issir qabel. Din ix-xi ħaġa ġdida żgur li mhijiex il-quddies ta' kull nhar ta' Sibt għax ġa kienu jeżistu fundazzjonijiet oħra ta' quddies, kull nhar ta' Sibt quddiem dan il-Kwadru.

Rigward min pitter dan il-kwadru s'issa jidher li l-awtur ta' dan il-kwadru għadu mhux magħruf[15]. Madankollu R. Bonnici Calì jgħid li aktarx huwa xogħol il-pittur Taljan, Filippo Palladini[16]. Din l-ipoteżi hija plawsibbli anke fid-dawl li Palladini kien Malta bejn l-1590 u l-1595[17].



Wieħed mill-iktar ritratti antiki li jeżistu tas-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu, armati għall-Festa. F'dan ir-ritratt wieħed jista' jinnota l-Kuruna fuq ras il-Bambin u għalhekk juri li ttieħed fl-1881, jew wara. Jidher ukoll l-altar maġġur, u li llum jinsab fil-Knisja Parrokkjali ta' Marija Bambina fil-Mellieħa. Aktarx dan ir-ritratt ittieħed fis-sena ta' wara l-Inkurunazzjoni, fl-1882.

### Riferenzi għall-kwadru f'Visti Pastorali u Inventarji

Jidher li dan il-Kwadru ġibed lejh devozzjoni liema bħala sa minn meta tpoġġa hemmhekk u xhieda ta' din id-devozzjoni huma r-rigali u l-opri li kienu jsiru biex ikomplu jsebbħu dan il-kwadru. L-ewwel inventarju li fih jiġbor l-affarijiet kollha konnessi mal-knisja u l-kunvent Karmelitan tal-Belt, beda mis-26 ta' Ġunju 1688 u fih hemm referenza għall-*"kuruna tal-fidda li tinsab f'ras il-Madonna u l-kuruna tal-fidda li tinsab f'ras il-Bambin li għandha f'idejha"*. Dan l-inventarju jagħmel

ukoll referenza għall-kuruni li hemm fuq ras Sant'Agata u Santa Luċija u raġġiera f'ras San Xmun Stock kif ukoll *"nofs qamar tal-fidda magħmul f'biċċtejn taħt saqajn il-Madonna"*[18].

Fl-inventarju tas-sena 1720 dawn il-kuruni tal-fidda fuq ras il-Madonna u l-Bambin ma jissemmewx u minflokhom jissemmew żewġ kuruni tad-deheb. Dan l-inventarju jtina deskrizzjoni dettaljata ta' dawn il-kuruni, fejn jgħid li l-kuruna tal-Madonna kien fiha ngastati 55 ġawhra filwaqt li tal-Bambin kien fiha 34 ġawhra. Dawn il-kuruni kienu ġew magħmula minn P. Majjistru Wistin Gauci li kien Vigarju Provinċjal. Il-kuruna tal-Madonna kienet tiżen madwar libbra u żewġ uqijiet u nofs filwaqt li tal-Bambin kienet tiżen madwar seba' uqijiet u nofs[19]. F'dan l-istess inventarju (sena 1720) nerġgħu nsibu referenza għall-kuruni f'ras Santa Luċija u Sant'Agata, ir-raġġiera f'ras San Xmun Stock kif ukoll in-nofs qamar tal-fidda.

Wara 146 sena, fl-inventarju tal-1866 iż-żewġ kuruni tad-deheb tal-Madonna u l-Bambin jerġgħu jissemmew. F'dan l-inventarju jissemma li dawn kienu ġew mibjugħa bil-prezz ta' £51.18, biex tħallas xi dejn[20]. Dan seħħ ħmistax-il sena qabel l-Inkurunazzjoni Solenni fl-1881. Hija ħaġa plawsibbli li f'dan il-perjodu meta l-Kwadru jidher li kien bla kuruni, bdiet titnissel ix-xewqa fost il-komunità Karmelitana u d-devoti li ssir Inkurunazzjoni Solenni mill-Vatikan, kif fil-fatt sar ħmistax-il sena wara.



Ix-Xbieha Inkurunata armata għall-aħħar Erbgħa fis-sena 1900.

Fil-Vista Pastorali li saret f'Ġunju tas-sena 1755 minn Mons. Gregorio Salviati[21], Inkwiżitur Ġenerali, insibu deskrizzjoni dettaljata tal-Kwadru tal-Madonna tal-Karmnu. F'din il-vista nsibu miktub hekk: *"L-altar maġġur huwa ddedikat lill-Imqaddsa Verġni tal-Monte Carmelo. Il-kwadru titulari, li huwa għoli qama u sitt ixbar u wiesa' madwar disat ixbar, jirrappreżenta prinċipalment lill-Madonna li għandha fi driegħa tax-xellug lill-Bambin Ġesù filwaqt li bi driegħa tal-lemin qed tagħti l-Labtu Mqaddes lil San Xmun Stock bilwieqfa fuq il-lemin. Fuq ix-xellug jinsabu l-qaddisin verġni Sant'Agata u Santa Luċija. Fin-naħa ta' isfel tal-kwadru jidhru l-erwieħ tal-purgatorju. Min pitter dan il-kwadru li huwa ta' preġju kbir, li hu meqjum ħafna u mogħni b'ħafna doni tad-deheb u tal-fidda mhux magħruf mill-patrijiet tal-istess kunvent*[22]*"*.

Fl-istess Vista Pastorali tal-1755 insibu inventarju li jkompli jagħti deskrizzjoni dettaljat tal-affarijiet prezzjuzi li kienu jżejnu dan il-kwadru f'dawn iż-żminijiet. Fost l-oħrajn jissemmew "żewġ kuruni tad-deheb waħda f'ras il-Madonna u l-oħra f'ras il-Bambin; żewġ armaturi (busti) tal-fidda tal-anġli li hemm fil-kwadru; tliet dijademi tal-fidda, waħda f'ras San Xmun Stock, oħra f'ras Sant'Agata u l-oħra f'ras Santa Luċija; barbazzal tad-deheb *a filograno* b'ajkla tad-deheb u l-ismalt bil-ġawhar f'għonq Santa Luċija u barbazzal f'għonq Sant'Agata". Iż-żewġ armaturi tal-fidda tal-anġli jidher li kienu jinbiegħu fis-sena 1857 għal 45 skud, biex bihom tħallsu l-ispejjeż li saru mal-faċċata tal-knisja u biex sar il-kor[23].

### Ix-Xbieha ta' Santa Luċija fil-Kwadru tal-Karmnu

Id-deskrizzjonijiet li għandna f'dawn l-inventarji u Visti Pastorali kollha joqogħdu għall-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu li għandna llum, b'eċċezzjoni għax-xbieha ta' Santa Luċija li tissemma li kienet maġenb il-figura ta' Sant'Agata, fin-naħa tax-xellug tal-kwadru. Jekk wieħed iħares sew lejn il-kwadru jinduna li l-kwadru oriġinarjament kien ikbar u nqatgħu biċċiet minnu maż-żmien. Dan jidher ċar jekk wieħed iħares lejn

saqajn l-anġli li jidhru maqtugħin kif ukoll il-ġwienaħ tal-anġli li wkoll jidher li għandhom parti minnhom maqtugħa, filwaqt li x-xbihat ta' San Xmun Stock u Sant'Agata għandhom darhom u riġlejnhom maqtugħin.



Dettall mill-Kwadru fejn tidher ix-Xbieha ta' Sant'Agata. Mat-tarf tat-tila tidher parti mill-wiċċ ta' Santa Luċija li nqatgħet f'intervent li sar.

Minn restawr li sar fuq il-kwadru minn Samwel Bugeja, wara x-xbieha ta' Sant'Agata deher imnieħer u għalhekk jindika li kien hemm xbieha oħra. Din ma setgħet tkun ħadd ħlief ix-xbieha ta' Santa Luċija li tissemma fl-inventarji u Visti Pastorali.

Jekk wieħed jistudja sew il-qisien tal-kwadru wieħed jista' wkoll jinduna li sar qtugħ fih. Filwaqt li l-kwadru oriġinali, kif jidher mill-Vista Pastorali ta' Ġunju 1755 kien fih qama u sitt ixbar għoli, u madwar disat ixbar wiesa, jiġifieri 11.15 pied għoli u 7.73 pied wiesa[24], illum il-kwadru fih għaxar pied u tmiem pulzieri u kwart għoli, b'seba' piedi u kwart ta' pulzier wiesa'.

Mill-inventarji varji li saru nistgħu nieħdu idea ta' meta sar il-qtugħ u r-raġuni warajh. L-ewwel inventarju, fejn fih ma tissemmiex ix-xbieha ta' Santa Luċija kien dak li sar fl-1860. Nafu li l-kwadru kien inqala minn postu għall-ħabta tas-sena 1856 u ttieħed id-dar ta' Pawlu Cuschieri f'Ħal Tarxien biex hemmhekk ikun renovat/restawrat.[25] Il-probabiltà hija li l-kwadru ġie mċekken għal kif nafuh illum f'din is-sena.



Il-Kwadru Inkurunat armat għall-festa tal-Madonna tal-Karmnu, fil-Knisja l-antika.

Nafu wkoll li fis-sena ta' qabel, proprju fl-1855, kien qed isir ħafna xogħol fuq il-faċċata ta' ġewwa tal-knisja fejn ġiet mibdula totalment u miksija bl-irħam, kif ukoll sar il-kor.[26] Dan jista' jindikalna li l-kwadru ġie maqlugħ minn postu u mċekken biex forsi joqgħod aħjar fil-kor.

### Kwadru ieħor

Huwa fatt kurjuż ħafna li meta l-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu nqala minn postu fl-1924 biex jiġi rrestawrat mis-Sur Bonello, proprju warajh instab ieħor jixbhu ħafna bid-differenza li l-Bambin qiegħed fuq il-lemin tal-Madonna minflok fuq ix-xellug kif qiegħed fil-kwadru li hemm illum.[27] Illum ma baqa xejn minn dan il-kwadru ħlief wiċċ il-Madonna u wiċċ il-Bambin.[28]

P. Anastas Ronci ukoll isemmi l-preżenza ta' kwadru ieħor qabel dak li nsibu llum. Huwa jgħid hekk: "malli tlesta l-bini tal-knisja, l-ewwel ħsieb taz-zelanti P. Vella kien li jpoġġi fuq l-artal maġġur kwadru li jirrapreżenta lis-Sultana tas-Sema tagħti l-Labtu lill-Qaddis Karmelitan San Xmun Stock. Iżda ma nafux għaliex dan il-kwadru ġie mibdul malajr ma ieħor, li hu dak li s-sena l-oħra[29] rajnih jiġi inkurunat." Din il-kitba kien kitibha proprju fis-sena 1882 sena wara l-inkurunazzjoni li saret tal-kwadru li hemm illum.

### Inkurunazzjoni Solenni tal-Kwadru

Ma nistgħux nitkellmu fuq il-Kwadru tal-Madonna tal-Karmnu u ma nsemmux l-Inkurunazzjoni Solenni ta' din ix-Xbieha Mirakoluża, li saret fil-15 ta' Lulju tal-1881, ġurnata storika mhux biss għalina l-Karmelitani imma wkoll għall-knisja f'Malta, li fuq skala nazzjonali ħadet ħsieb illi tiċċelebra festi speċjali li jimmarkaw dan l-avveniment.[30]



Ix-Xbieha Mirakoluża tal-Madonna tal-Karmnu mingħajr il-kuruni.

Kif diġà semmejna, d-devozzjoni lejn ix-xbieha kienet waħda straordinarja u għalhekk il-Patrijiet Karmelitani riedu jissiġillaw din ir-rabta bejn il-Madonna tal-Karmnu u l-poplu Malti permezz ta' Inkurunazzjoni Solenni mill-Vatikan. Sa dak iż-żmien fil-gżejjer Maltin ma kienet għadha saret l-ebda inkurunazzjoni ta' dan it-tip. Għalhekk il-Patrijiet Karmelitani kienu talbu lill-Patri Ġeneral tal-Ordni P. Anġlu Savini fejn, filwaqt li wrewh bil-ħsieb tagħhom talbuh l-għajnuna tiegħu biex b'hekk t-talba tagħhom issir b'mod formali quddiem ir-Revmu, Kapitlu tal-Vatikan. Ir-risposta tiegħu għal din it-talba kienet waħda pożittiva ferm, fejn filwaqt illi ħeġġiġhom biex ikomplu jaħdmu sabiex il-ħsieb tagħhom jirnexxi wiegħedhom l-għajnuna kollha tiegħu f'din il-kawża. Għalhekk fi ftit żmien il-Patrijiet Karmelitani ppreżentaw id-dokumenti kollha meħtieġa, approvati mill-Isqof ta' dak iż-żmien Mons. Carmelo Scicluna sabiex jibda l-proċess.

Biex il-Kapitlu tal-Vatikan japprova l-Inkurunazzjni Solenni kellhom jiġu sodisfatti tliet kundizzjonijiet:

- Li x-Xbieha tal-Madonna trid tkun antika ferm;
- Li tkun Mirakoluża u għajn ta' bosta grazzji lejn dawk li jirrikorru lejha;
- Li x-Xbieha tkun kisbet lejha qima u mħabba l-iżjed kbira u n-nies sikwit iżuruha.[31]

Dawn il-kundizzjonijiet huma sodisfatti perfettament fil-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu u għalhekk fid-19 ta' Ġunju 1880, ġie mogħti lill-Karmelitani d-degriet tal-Inkurunazzjoni. Ma' dan id-degriet ingħata mill-Vatikan, pjan dettaljat ta' kif għandhom isiru l-funzjonijiet tal-Inkurunazzjonijiet, skont il-legat tal-Konti Alessandro Sforza Pallavicini.[32] Sa mill-1631 dan il-legat kien jagħmel tajjeb għall-ispejjeż kollha biex isiru l-kuruni meħtieġa għall-Inkurunazzjoni.

Mad-digriet tal-Inkurunazzjoni, l-Karmelitani kienu ġew magħrufa illi dan il-legat kien spiċċa u għalhekk ma kienx possibli illi l-Vatikan jidħol għall-ispejjeż tal-Kuruni tal-Madonna u tal-Bambin. Din l-aħbar għalkemm ħasdet lill-Karmelitani ma qatgħatilhomx qalbhom xejn għax daħlu għall-ispejjeż ta' dawn il-kuruni tliet benefatturi li riedu li jibqgħu anonimi.[33]



Iż-żewġ kuruni li ntużaw fl-Inkurunazzjoni fl-1881 u li għadhom isawru din ix-Xbieha Mirakoluża.

Permezz tal-linji gwida li ntbagħtu mill-Vatikan mad-digriet tal-Inkurunazzjoni għandna idea tajba tal-festi kbar li saru, fuq skala nazzjonali, fl-okkażjoni tal-Inkurunazzjoni ta'

dan il-kwadru. Dan kien li ordna l-Kapitlu tal-Vatikan:

*"Imma sabiex iċ-ċerimonja mqaddsa tal-Inkurunazzjoni, li għandha bi skop li tkattar hawn fuq l-art il-glorja u l-ġieħ tal-Verġni Ssma., u li tqanqal dejjem iżjed id-devozzjoni tal-insara lejha, tirnexxi b'dik id-dinjità xierqa; tidhrilna li hi ħaġa wisq sewwa li nifformaw, il-kunsens u approvazzjoni tas-surmastrijiet taċ-ċerimonji, ordinament, li jkun jikkorrispondi perfettament għall-kobor tal-funzjoni.*

*Għalhekk hawnhekk ngħidu l-ewwelnett dak li għandu jsir qabel u li jakkompanjaw iċ-ċerimonja solenni, kif ukoll dak li għandu jsir wara ċ-ċerimonja.*

*L-ewwelnett, sabiex ix-Xbieha Mqaddsa tal-Verġni tkun tista', skont il-fehma tal-imfaħħar Konti Pallavicini, tiżżejjen bil-kuruna tad-deheb għandha tkun ċelebri għall-antikità kif ukoll mhux inqas minħabba l-konkors tal-poplu li jżurha u minħabba l-kotra tal-mirakli. U kemm-il darba dawn il-kundizzjonijiet esposti u awtentikati bl-ittri tal-Ordinarji (Isqfijiet) mill-Kapitolu Vatikan ikun magħrufa veri u approvati, ikun dmir tiegħu li jagħti d-digriet tal-Inkurunazzjoni, u jistabilixxa s-sena tal-funzjoni, li l-ġieħ tagħha ma jingħatax ħlief lil xi Kanonku tal-istess Kapitolu jew inkella lil xi persuna oħra ta' dinjità kbira.*

*Sabiex imbagħad il-kuruna tkun daqs ir-ras tal-Verġni Ssma., u għaliha adattata, ikun dmir ta' dawk li jagħmlu t-talba li jibagħtu fil-Belt Eterna l-qisien eżatt sew tat-tul kemm tal-wisa' jew inkella ċ-ċirkunferenza kemm-il darba x-Xbieha tkun statwa u mhux pittura. L-istess ħaġa għandha ssir, jekk flimkien mal-Verġni Ssma., jkun hemm ix-Xbieha ta' Ġesù Bambin.*

*Magħmula l-kuruna, tiġi mogħtija lid-delegat, li jistabilixxa b'ċertezza l-jum tal-Inkurunazzjni, u jkollu l-ħsieb li jaqla' mingħand il-Papa f'għamla ta' Breve, l-indulġenza plenarja għal dawk kollha, li jkunu qarru u tqarbnu jekk jinviżtaw f'dak il-jum il-Knisja, fejn tinsab meqjuma x-Xbieha.*

*Allura meta d-Delegat jasal fil-post stabbilit, milqugħ bħalma jixraq bl-unuri kollha miċ-ċittadini għandu jidħol direttament fil-Knisja tal-Madonna li għandha tkun Inkurunata; u fit-tliet ijiem ta' qabel l-Inkurunazzjoni, tingħata l-aħbar bid-daqq tal-qniepen tal-knejjes kollha u b'sinjali oħra ta' ferħ.*

*Frattant il-knisja għandha tkun imżejna bil-pompa kollha possibbli. Jekk ix-Xbieha Mqaddsa tista' tkun imħarka minn postha, għandha titqiegħed taħt baldakkin fl-artal maġġur, li għandu jkun imżejjen b'purtiera prezzjuża u bix-xemgħa; f'każ kuntrarju, l-istess ħaġa għandha ssir fil-kappella tagħha. Il-bqija tal-knisja għandha tkun imlibbsa b'damask, u jitqiegħed b'ordni sew xi skrizzjonijiet bi kliem skont iċ-ċirkostanza. Fuq il-bieb maġġur għandha titwaħħal li tkun tidher sew, kopja tax-xbieha flimkien mal-istemmi tal-Papa preżenti (Ljun XIII, tal-Kardinal Arċipriet tal-Bażilika Vatikana, tal-Kapitolu u tad-Delegat).*



Il-purtiera li kienet iżżejjen ix-Xbieha tal-Madonna tal-Karmnu waqt l-Inkurunazzjoni.

*Imħejji kollox f'waqtu, fil-jum ta' qabel l-Inkurunazzjoni, filgħaxija, għandhom jitkantaw il-Litanija tal-Madonna mal-Innu Ave Maris Stella u l-Orazzjoni Famulorum tuorum eċċ...*

*Il-għada mbagħad, id-delegat imlibbes b'ilbies Prelatizju ta' lewn vjola bil-manrelletta u r-rukkett, bħala protonotarju appostoliku, akkumpanjat mill-kbarat tal-Belt, imur fil-knisja, fejn milqugħ mill-Kleru u mill-Maġistrat, jieħu l-ilma mbierek, ukoll jekk ikun preżenti l-Isqof; imbagħad wara li għal ftit joqgħod jitlob quddiem l-artal tas-Sagrament, imur ipoġġi fil-post destinat għall-funzjoni Mqaddsa.*

*U hawn quddiem il-kbarat tal-Belt, tan-Nutar u tax-Xhieda, wara li d-deputati tal-Knisja jieħdu*

*ġurament li jżommu dejjem il-kuruna tad-deheb, skont il-legat; jagħtihielhom u b'leħen għoli jinqara l-ġurament flimkien mad-digriet tal-Inkurunazzjoni.*

*Magħmul dan, bil-ħarsien kollu taċ-ċerimonji preskritti, id-delegat ibierek il-kuruna u kif iberikha, imur proċessjonalment u bil-pompi fl-artal tal-Verġni Ssma, fejn imqiegħda fuq imħadda prezzjuża n-naħa tal-Epistola, id-delegat ixandar l-Indulġenza Plenarja magħrufa mill-Ordinarju (Isqof) tal-post.*

*Imbagħad tibda l-quddiesa solenni, li tkun iċċelebrata mill-Isqof jew mid-Delegat, u kemm-il darba dawn ma jkunux jistgħu, isiru mill-ewwel dinjità jew tal-Kapitlu jew tal-Knisja li fiha ssir il-funzjoni mqaddsa, waqt li jassistu għaliha l-Isqof tal-post, u l-Kleru tal-Kolleġġjati oħra.*

*Lid-delegat, sew jekk jiċċelebra kemm jekk le għandu jkollu mhejji siġġu distint bit-tużell, u għoli għall-inqas b'żewġ tarġiet, u wkoll ġinokjatur b'żewġ imħaded. Wara l-Vanġelu, isir paniġierku b'ġieħ l-Awgusta Verġni Ssma.*

*Jekk id-Delegat jiċċelebra l-Quddiesa, u jkun jassisti l-Isqof, huwa stess, għalkemm ma jkunx Isqof, ibierek l-inċens, u jinċensa, skont id-drawwa sew l-artal, kemm ix-Xbieha. Id-Djaknu u s-Suddjaknu mbagħad, biex iżommu d-drawwa qaddisa tal-ewwel żminijiet tal-Knisja, jitqarbnu minn idejn iċ-ċelebrant.*

*Wara l-quddies d-delegat imlibbes mill-ġdid il-pluvjal, jersaq lejn l-artal tal-Verġni Ssma, fejn għarkubtejh, jintona l-innu Regina Coeli li jitkompla mill-kor tal-mużika.*




Il-Lapida li tinsab taħt il-Kwadru Inkurunat li tfakkar din il-ġrajja tal-Inkurunazzjoni.

*Imbagħad jitla' fuq il-palk, skont il-formoli preskritti, iqiegħed il-kuruni, l-ewwel lil Ġesù Bambin, jekk il-kwadru jkun fih, imbagħad lix-Xbieha tal-Madonna; u malli jinkurunaha, jingħata s-sinjal tal-ferħ bid-daqq tal-qniepen kollha, bit-trombi, bl-isparar tal-murtali, eċċ..., fl-istess ħin l-Isqof jew id-Delegat, ibierek l-inċens; jitfgħu fiċ-ċensier u jinċensa x-Xbieha Inkurunata.*

*Kif jispiċċa t-talb li għandu jingħad wara l-Inkurunazzjoni, id-Delegat jintona solennament it-Te Deum u wara jgħid ukoll id-De Prfundus b'suffraġju għall-Konti Pallavicini u fl-aħħarnett jgħid Pater u Ave.*

*Filgħaxija jitkanta l-Għasar Solenni, wara jsir paniġierku b'tifħir tal-Verġni Ssma u mbagħad isir proċessjoni[34] b'pompa l-iżjed solenni bix-Xbieha Mqaddsa mat-triqat, imżejnin b'turija ta' ferħ, bil-ward u tiżjin.*

*Ma' nżul ix-xemx isiru sinjali oħra ta' ferħ, issir mixegħla ta' bosta fjakkoli ma' kullimkien, u speċjalment qrib it-tempju. Ma' dan kollu għandu jiżdied xi logħob tan-nar.*

*U sabiex il-qima lejn din l-Omm ħanina, iktar titħeġġeġ fil-qlub insara, hija drawwa qaddisa, li jsiru fit-tliet ijiem ta' qabel is-solenni Inkurunazzjoni, xi paniġierki, li jsiru quddies kantat bil-mużika u akkademji.*

*Imwettqa kull ma hawn ġie preskritt għandhom isiru tletin kopja tax-Xbieha tal-ħarir isfar u aħmar, bil-freġi tad-deheb jew għall-anqas tal-fidda għall-Kanonċi tal-Bażilika Vatikana; waħda l-iktar prezzjuża għall-Kardinal Arċipriet, u sebgħin oħra tal-karta għall-benefiċjati u kjeriċi tal-istess Bażilika.*

*Bl-istess mod għandu jsir kwadru tal-pittura tax-Xbieha bl-iskrizzjoni tal-Inkurunazzjoni biex tibqa' miżmuma fl-istess Bażilika bħala tifkira ta' dak li sar.*

*Flimkien ma' dawn l-affarijiet għandna tintbagħat xi ftit storja li tirrigwardja lill-istess Xbieha, biex tinżamm fl-Arkivju Vatikan bħala tifkira għal dejjem taċ-ċerimonja solenni".*

Dan kien dak kollu li kien ordna l-Vatikan biex issir l-Inkurunazzjoni. Nistgħu ngħidu li l-Karmelitani kienu wettqu dan kollu bl-ikbar reqqa u aktar, u għalhekk wieħed jista' jimmaġina l-kobor ta' festi nazzjonali li kienu saru f'din l-okkażjoni speċjali għall-knisja f'Malta.


RICORDO

DELLA INCORONAZIONE SOLENNE

DELLA VERGINE DEL CARMIN

15 LUGLIO 1881 — MALTA VALETTA.

Saluto a Maria
Madre e decoro del Carmelo.

Ti saluto, o pura, o bella
Delle sfere Imperatrice!
Tu più vaga d'ogni stella,
Tu di Gesse la radice,
Tu la santa tra le donne,
Vera figlia di Sionne,
Innamori e terra, e Ciel.
Ti saluto o dell'Eterno
Figlia, Madre, Ancella e Sposa,
Tu assomigli a Vergin Rosa
Che germoglia in sul Carmel.
La tua Immagine divina
Io la reco al collo appesa
Più che maglia adamantina,
Ella è forte a mia difesa
Nell'angustia, nell'affanno,
Nell'insidie di Satanno
E il mio scudo, il mio vigor.
Ti saluto, o cara Immago
D'una madre affettuosa,
Fin nell'urna polverosa
Ti terrò appresso il cor.

Ave Maria.

Santa ta' tifkira li kienet ħarġet fl-okkażjoni tal-Inkurunazzjni fil-15 ta' Lulju 1881.

### Restawr u interventi fuq il-kwadru

Is-snin kbar li għandha din ix-xbieha ħallew il-marka tagħhom, u għalhekk minn żmien għal żmien kien jinħass il-ħtieġa ta' interventi u restawr. Uħud minn dawn l-interventi ħallew il-marka tagħhom, bħalma ġara dak tas-sena 1856, meta l-kwadru ġie mċekken. Riċentament saru żewġ interventi oħra bl-aħħar wieħed isir f'Għawdex bejn is-sena 1999 u 2003, mis-Sur Godwin Cutajar.

### Restawr minn Samuel Bugeja fl-1980

Waqt ir-restawr, Samuel Bugeja sab illi t-tila ma kinetx ġiet ippreparata bil-ġibs tal-induraturi, iżda b'xi sustanza grassa li ma xorbitx il-kulur, u dan kien għalhekk suxxettibli li jinqala' minn mat-tila, kif kien fil-fatt beda jiġri. Minħabba l-antikita t-tila kienet bdiet titmermer ukoll.

Samuel Bugeja għalhekk kellu qabel xejn jaqla għal kollox il-pellikola tal-kulur mit-tila l-qadima, jittrattaha b'sustanzi biex isaħħaha u wara taha diversi passati ġibs tal-induraturi. Wara li lesta t-tila l-ġdida konsistenti f'żewġ


Il-Kwadru Inkurunat armat għall-festa tal-Madonna tal-Karmnu waqt il-bini tal-Knisja l-ġdida.

strati, twaħħlet fuq il-pellikola tal-kulur li tifforma l-kwadru proprju u b'hekk dan reġa' ħa ħajja ġdida b'superfiċji li kapaċi tirreżisti għat-tindif.

### Restawr minn Godwin Cutajar (1999-2003)

Dan ir-restawr kien beda fuq il-post nhar l-1 ta' Diċembru 1999 mis-Sur Godwin Cutajar. Filwaqt li kienu nqalgħu minn posthom il-kuruni kif ukoll l-istilel biex ikun jista' jsir ir-restawr, ir-restawratur kien irrinforza bosta qsim li kien hemm fit-tila bl-użu tal-karta Ġappuniża u *colletta*. Nhar is-6 ta' Jannar 2000 l-inkwadru tniżżel minn postu u ttieħed fl-*istudio* tal-konservazzjoni ġewwa l-Fontana Għawdex.

L-ewwel parti mill-proċess ta' restawr kien jinvolvi li jsiru testijiet ta' tindif u rriżulta illi ż-żebgħa oriġinali kienet dgħajfa ħafna. It-tila ġiet miksija bi *craft paper* u *colletta*, ġiet impoġġija b'pożizzjoni orizzontali u maqlugħa minn mat-tilar. Il-kanvas li kien sar minn intervent ta' konservazzjoni preċedenti ġie maqlugħ u wara tal-pittura ġie mnaddaf kemm jista' jkun mill-kolla u *stucco*. *Stucco* ġdid (*Gesso di Bologna* u kolla tal-fenek) ġie magħmul biex jimla' irregolaritajiet żgħar fuq wara tal-pittura.



Il-Kwadru Inkurunat qabel ma nqala minn postu biex jibda fuq l-proċess ta' restawr. Jidhru bosta qsim u tiċrit fit-tila.



Il-kwadru Inkurunat fl-istudio tas-Sur Godwin Cutajar hekk kif tlesta mir-restawr, qabel ma nġieb lura Malta.



Dettall tal-Kwadru Inkurunat fejn juri l-istat li kien u l-bżonn kbir ta' restawr.



Ix-Xbieha Mirakoluża qiegħda tittella f'postha fis-26 ta' Marzu 2003.



***Ritratt meħud f'Lulju 1983, fejn wieħed jista' jinnota l-kor fejn hemm il-Kwadru Inkurunat għadu bla skultura. Kienet għada ma ġietx armata mill-ġdid t-tribuna wara li din ġiet żarmata waqt il-bini tal-knisja l-ġdida.***



***Il-Kwadru Inkurunat armata nhar l-1 ta' Jannar 1999.***



***Il-Kwadru Inkurunat armat għall-aħħar Erbgħa fl-1984.***



***Ritratt meħud f'Lulju 1995, is-sena Ċentinarja tal-Bażilika. Dik is-sena kienet tlestiet l-iskultura tal-kor mill-Kav Joe D'Amato. Il-kor kien inkixef mill-Eċċ. Tiegħu Dr Ugo Mifsud Bonnici, li dak iż-żmien kien President tar-Repubblika, flimkien mal-Wisq Rev. Provinċjal P. Robert Farrugia O.Carm.***



***Ix-Xbieha Inkurunata, fl-aħħar Erbgħa tal-Udjenza tas-sena 1985. Il-gwarniċ kien għadu tal-injam, qabel ma nbidel fil-festa ta' dik is-sena, għal dak preżenti li sar fil-fidda.***



*Mons Arċisqof Mercieca qiegħed imexxi l-quddiesa ta' nhar is-16 ta' Lulju filgħaxija. Il-purċissjoni kienet issir il-Ħadd ta' wara f'dawk is-snin.*



*Il-Kwadru Inkurunat armat għall-aħħar Erbgħa fl-1989.*



*Il-Kwadru Inkurunat armat għall-aħħar Erbgħa tas-sena 1990.*



*Mons. Carmelo Xuereb mal-membri tal-Bażiliċi Għawdxin, qiegħed jiffunzjona waqt il-festi tal-mitt sena Bażilika fl-1995. Il-Kwadru Inkurunat kien għadu ma kienx f'postu għax fil-kor kienet għadha sejra l-iskultura li żżanżnet f'Ġunju 1995.*

Xi biċċiet mit-tila illi kienu nqatgħu qabel ġew mitlufa maż-żmien u għalhekk ma setgħux jerġgħu jitwaħħlu lura mat-tila.

Kanvas ġdid ġie mwaħħal ma' wara tal-kwadru biex jagħti iktar sapport lill-pittura. Tilar ġdid tal-injam ġie ddisinjat mir-restawratur u sar mis-Sur Victor Vella mir-Rabat Għawdex. Fuq wara tat-tila saret injama ġdida biex tkun ta' sapport għall-kuruni u l-istilek li jitwaħħlu.

Wara dan il-proċess ta' tisħiħ tal-kwadru beda r-restawr u t-tindif tal-kuluri billi tneħħa l-verniċ u żebgħa minn interventi ta' restawr ta' qabel. Minħabba l-aspett ta' devozzjoni kbira li hemm marbuta ma' dan il-kwadru, ir-restawratur kien attent illi bit-tindif ma jsirx tibdil kbir fuq din l-imaġini. Fl-aħħarnett il-pittura ngħatat verniċ ġdid magħmlu minn *retouching varnish* u *mat varnish*.

Il-kwadru kien inġieb lura Malta u tpoġġa lura f'postu nhar is-26 ta' Marzu 2003.[35]

### Konklużjoni

Din ix-xbieha għażiża tal-Madonna tal-Karmnu kienet ukoll ġiet stampata fuq sett ta' tliet bolol li kienu ħarġu fl-okkażjoni tas-Seba' Ċentinarju tal-Labtu fl-1951. Dawn il-bolol kienu tas-sold ta' lewn aħdar, ta' tliet soldi - lewn vjola u ta' xelin - lewn sewdieni. Il-ħarġa tal-bolli kommemorattivi li saret fit-12 ta' Lulju 1951, kienet idea tal-Pirjol ta' dak iż-żmien P. Lawrenz Sammut.




Il-First Day Cover, u s-sett ta' bolol li juru x-Xbieha Inkurunata tal-Madonna tal-Karmnu li kienu ħarġu fit-12 ta' Lulju 1951, fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju tal-Labtu.




Id-devozzjoni li l-Maltin għandhom lejn is-Santwarju tal-Karmnu fil-Belt u x-Xbieha tal-Madonna Inkurunata baqgħet dejjem qawwija matul iż-żminijiet. L-isqfijiet Maltin kemm-il darba użaw dan is-Santwarju għal ċerimonji reliġjużi ta' livell nazzjonali, fosthom il-pellegrinaġġ li tmexxa mill-Arċisqof Mikiel Gonzi wara l-gwerra u l-preżentazzjoni tat-trabi li saret f'Settembru tal-1983 mill-Arċisqof Ġużeppi Mercieca fil-preżenza tal-Kardinal Salvatore Pappalardo.

Din ix-Xbieha timliena b'sens qawwi ta' responsabbiltà mhux biss għall-ħarsien tagħha permezz ta' restawri u interventi li jkun hemm bżonn biex b'hekk tkun dejjem fl-aqwa kundizzjoni possibbli, imma iktar minn hekk biex aħna li lkoll għandna mħabba speċjali lejn din ix-Xbieha nkomplu naħdmu bla heda biex inżidu dejjem iktar id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu, li permezz tagħha tressaqna lejn Binha Ġesù.



Ix-Xbieha Mirakoluża armata għall-festa.

**Referenzi**

1 Programm tal-Festa Madonna tal-Karmnu – Valletta (1985), Il-Karmelitani f'Malta, P. Serafin Abela O.Carm.
2 O.A.M., 433, Liber Bullarum MM F. Petri De Monte 1570-71 f.278r.
3 A.A.V. Visitatio Appostolica, Duzzina, 1575; 19/2/1575.
4 A.I.M. Visitatio Ven. Ecclesiae Montis Carmeli, Tom. 1, f.34.
5 Programm tal-Festa Madonna tal-Karmnu – Valletta (1985), Il-Karmelitani f'Malta, P. Serafin Abela O.Carm.
6 A.A.V. Visitatio Apostolica, Duzzina, 1575; 19/2/1575.
7 P. Lawrenz Sammut O.Carm: Is-Santwarju tal-Karmnu p. 22.
8 Ibid pġ 36.
9 Programm tal-Festa Madonna tal-Karmnu - Valletta (1985), Il-Kwadru, P. Serafin Abela O.Carm.
10 Ibid.
11 A.C.C.V., Liber Inventarji 1688-1713, f.1v.
12 A.C.C.V., Liber Exitus 1587-1613. f.71.
13 A.C.C.V., Liber Introitus 1587-1613. f.118.
14 A.I.M. Visitato Ven. Ecc. B.M.V. Montis Carmeli, Vallettæ, Tom 1, f.113.
15 P. Lawrenz Sammut O.Carm: Is-Santwarju tal-Karmnu p.36.
16 R. Bonnici Cali: X'tara f'tal-Karmnu, Leħen is-Sewwa, 14 ta' Lulju 1951, pg 8.
17 Wikipedia - Filippo Paladini http://it/wikipedia.org/wiki/Filippo_Paladini
18 A.C.C.V., Liber Inventarii 1688-1761, f.1v
19 A.C.C.V., Liber Inventarii 1688-1761, f.94
20 A.C.C.V., Liber Inventarii 1821-1867, f.163
21 Mons. Gregorio Salviati, kien imqabbad mill-Papa Benedittu XIV permezz ta' Breve Pontifiċju li jġib id-data tal-11 t'April 1755.
22 A.I.M. Visitato Ven. Ecc. B.M.V. Montis Carmeli, Vallettæ, Tom 1, f.33.
23 A.C.C.V. Introito di denaro da versarse nella faccaiata ed altri lavori da forsi nella Nra Chiesa.
24 A.I.M. Visitato Ven. Ecc. B.M.V. Montis Carmeli, Vallettæ, Tom 1, f.33.
25 Programm tal-Festa Madonna tal-Karmnu - Valletta (1985), Il-Kwadru, P. Serafin Abela O.Carm.
26 A.C.C.V., Esito per la facciata Principale ed altare di marmot e quadri.
27 P. Lawrenz Sammut O.Carm: Is-Santwarju tal-Karmnu p36.
28 Ibid.
29 P. Anastasio Ronci, Carmelitano: Brevi Cenni sul Santuario e sulla augusta Icone della Prodigiose Vergine cotto di Titolo del Carmelo, p11.
30 Joseph Bezzina; Kullana Kulturali - L-istorja tal-Knisja f'Malta p246.
31 P. Lawrenz Sammut, is-Santwarju tal-Karmnu, 1952, p280.
32 Alessandro Sforza Pallavicini, Konti ta' Borgonova fil-provincia ta' Piacenza (1638), kien ħalla legat lill-Kapitlu tal-Vatikan biex kull sena tintagħżel xbieha devota tal-Madonna u mill-flus ta' dan il-legat jiġu mħallsa l-kuruni nieċessarji għall-Inkurunazzjoni. L-ewwel Xbieha Inkurunata permezz ta' dan il-legat kienet dik ta' *Santa Maria della Febbre* fis-27 ta' Mejju 1631. Min naħa l-oħra, min qiegħed jagħmel it-talba tal-Inkurunazzjoni kien obbligat li jimxi ma' linji gwida sabiex iċ-ċerimonja tal-Inkurunazzjoni tkun mill-iktar solenni u dinjituża.
33 P. Anastasio Ronci, Carmelitano: Brevi Cenni sul Santuario e sull augusta Icone della Prodigiose Vergine cotto il Titolo del Carmelo, p17.
34 Din il-proċessjoni bl-Inkwatru Inkurunat ma jidhirx li kienet saret. L-għada, nhar is-16 ta' Lulju kienet saret l-proċessjoni li ssir ta' kull sena bil-vara tal-Madonna tal-Karmnu li għal dik is-sena l-ewwel darba kienu tawlulha r-rotta għal dik li nafu llum.
35 Minn qalbi nirringrazzja lis-Sur Godwin Cutajar tal-informazzjoni li għaddieli fuq ir-restawr.

Tango

57/64, Old Bakery Street,
Valletta

Tel: 2123 0506 Mob: 9926 3720